MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 75/2003

**John Grech**

**vs**

**Emanuel Balzan**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-atturi jiggestixxu hanut ghal bejgh ta’ appliances fi Triq Gwanni Pawlu II, Victoria, Ghawdex.

Illi fil-hamsa (5) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) il-konvenut xtara *chest freezer* minghandu.

Illi ghadu dovut mill-konvenut is-somma ta’ mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm175).

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi il-konvenut qed jirrifjuta li jhallas dan l-ammont.

Illi l-attur qed jitlob il-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas dan il-bilanc flimkien ma’ l-imghax mid-data tax-xiri sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma’ l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri u ta’ l-ittra interpellatorja spedita fit-28 ta’ Mejju 2003.”

Ra li l-konvenut gie debitament notifikat fit-22 ta’ Lulju 2003;

Ra li ma deherx ghas-seduta tas-17 ta’ Settembru 2003 u l-anqas ghal dik tal-lum;

Sema’ x-xhieda ta’ Dr. Michael Grech ghall-attur.

Ra l-artikolu 13(b) tal-Att ta’ Kap 380;

U peress li t-talba tal-attur tirrizulta ppruvata;

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa’ t-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ LM175 prezz ta’ chest freezer lilu mibjugha u kkunsinnati bl-imghax mid-data tax-xiri sad-data tal-eventwali hlas effettiv bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-28 ta’ Mejju 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------